

Brussell, 30 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10878/22

GAF 12  
FIN 738

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 318 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm Pericles IV għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar fl-2021

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 318 final.

Mehmuż: COM(2022) 318 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.6.2022  
COM(2022) 318 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-BANK ĊENTRALI  
EWROPEW**

**dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm Pericles IV għall-protezzjoni tal-  
euro kontra l-iffalsifikar fl-2021**

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

## LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

### dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm Pericles IV għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar fl-2021

#### 1. Ġenerali

Il-programm “Pericles IV” (minn hawn ’il quddiem “il-Programm”) huwa programm ta’ skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar. Dan jissostitwixxi l-programm Pericles 2020 li opera matul il-perjodu 2013–2020, u l-programm Pericles li opera matul il-perjodu 2002–2013. Il-Programm ġie stabbilit permezz tar-**Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2021**<sup>1</sup>. L-applikazzjoni tiegħu ġiet estiża għal Stati Membri mhux parteċipanti permezz tar-**Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1696 tal-21 ta’ Settembru 2021**<sup>2</sup>. Ir-Regolament (UE) Nru 2021/840 jistabbilixxi d-durata tal-Programm sal-31 ta’ Diċembru 2027. L-**Artikolu 12(3) tar-Regolament** jesiġi li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni annwali dwar ir-riżultati tal-Programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-Rapport Annwali jirrispondi għal din l-esiġenza b’rabta mas-sena 2021. Ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-impenji u l-implimentazzjoni tal-programm “Pericles IV” fl-2021, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni fl-2021 ta’ azzjonijiet impenjati taħt il-ġenerazzjoni preċedenti tal-programm.

#### 2. L-impenji skont il-Programm ta’ Ħidma Annwali 2021

Il-baġit annwali għall-implimentazzjoni tal-Programm għas-sena 2021 ġie stabbilit għal EUR 834 082 u ġie ffinanzjat mill-linja baġitarja 06.030100 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2021. Total ta’ EUR 834 082 ġew impenjati fl-2021, li huwa 100 % tal-baġit totali. Il-Programm huwa implimentat permezz ta’ azzjonijiet kofinanzjati (għotjiet) li joriġinaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u permezz ta’ “azzjonijiet tal-Kummissjoni”, organizzati direttament mill-Kummissjoni. Fl-2021 sar trasferiment ta’ EUR 140 106,70 mill-baġit għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni għall-baġit tal-għotjiet biex tkompli tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri.

L-implimentazzjoni tal-Programm tirrifletti l-impenn tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni biex iħarsu l-euro mill-iffalsifikar. Id-diskussjonijiet dwar l-istrateġija pluriennali fil-laqgħat tal-Grupp ta’ Esperti dwar l-Iffalsifikar tal-Euro (ECEG - Euro Counterfeiting Experts Group) għamluha possibbli biex jiġi impenjat 100 % tal-baġit globali fl-2021. Il-Programm ħa impenn li jiffinanzja total ta’ 9 proġetti<sup>3</sup>. B’kollox, 5 għotjiet kienu mogħtija b’suċċess minn applikazzjonijiet li joriġinaw mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Barra minn hekk,

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2021 li jistabbilixxi programm ta’ skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 331/2014


<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1696 tal-21 ta’ Settembru 2021 li jestendi għall-Istati Membri mhux parteċipanti l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/840 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi programm ta’ skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar għall-perjodu 2021-2027 (il-programm “Pericles IV”)

<sup>3</sup> Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-azzjonijiet ta’ Pericles, li għalihom saru impenji fl-2021, tinsab fl-Anness I.

ġew iffinanzjati 4 azzjonijiet tal-Kummissjoni, li tnejn minnhom huma ta' natura amministrattiva, jiġifieri l-istudju għall-evalwazzjoni finali tal-programm "Pericles 2020" u impenn li jiġu koperti l-kostijiet annwali biex tintuża l-għodda tal-eGrants, sistema ta' ġestjoni kompletament elettronika (mingħajr karti) għall-ġhotjiet.

L-azzjonijiet tal-Kummissjoni ġew implimentati fl-2021, filwaqt li l-ġhotjiet kollha se jiġu implimentati fiżikament fl-2022 u aktar tard, jew inkella se jiġu mħeġġa biex jiġu ttrasformati f'azzjonijiet virtwali fejn possibbli, soġġetti għal żviluppi epidemjoloġiċi fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19.

**Iċ-Ċart I u ċ-Ċart II: Tip ta' azzjoni ffinanzjata u l-Għadd ta' azzjonijiet għal kull Stat Membru (l-azzjonijiet li għalihom ttieħdu impenji fl-2021, ara l-Anness I)**



Wieħed għandu jinnota li l-Italja, il-Ġermanja u Spanja, l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-iffalsifikar tal-euro, din is-sena reġġu ngħataw għotjiet minn Pericles. Barra minn hekk, il-Portugall ukoll irċieva għotjiet bħala parti mill-programm fl-2021. L-isforzi kollha tagħhom isaħħu l-protezzjoni tal-euro, li huwa ta' ġid għall-Istati Membri l-oħra kollha.

L-azzjonijiet li għalihom saru impenji fl-2021 kienu jikkonsistu f'4 taħriġiet tekniċi, 2 konferenzi, skambju wieħed ta' persunal, studju wieħed<sup>4</sup> u t-tariffa annwali tal-Għotjiet Elettroniċi. L-azzjonijiet mistennija li jsiru kemm fl-UE kif ukoll barra minnha, skont il-ħtiġijiet speċifiċi għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar. Mindu twaqqaf, il-Programm ikkonsolida l-approċċ regionali tiegħu billi implimenta azzjonijiet li jinvolvu reġjuni fid-dinja li huma partikolarment importanti għall-ġlieda kontra l-iffalsifikar.

**3. Implimentazzjoni ta' azzjonijiet fl-2021<sup>5</sup>**

*Ħarsa ġenerali*

<sup>4</sup> L-istudju twettaq minn kuntrattur fl-2021 u jikkostitwixxi l-bażi għall-evalwazzjoni finali tal-programm "Pericles 2020".

<sup>5</sup> Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-azzjonijiet ta' Pericles implimentati fl-2021, tinsab fl-Anness II.

Din it-taqsimha tanalizzha l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kollha ffinanzjati minn Pericles fis-sena kalendarja 2021. Għaldaqstant tinkludi l-implimentazzjoni taż-żewġ azzjonijiet impenjati taħt il-baġit ta' "Pericles IV" tal-2021 (4 azzjonijiet tal-Kummissjoni), kif ukoll azzjonijiet impenjati taħt il-baġits preċedenti ta' "Pericles 2020" (6 għotjiet). Dan jenfasizza l-kontinwità tal-programm f'dik li hija ideazzjoni tiegħu u jirrifletti l-effettività tal-programm Pericles biex jipproteġi l-euro mill-iffalsifikar permezz ta' azzjonijiet implimentati fuq bażi annwali.

Il-pandemija globali tal-COVID-19 u l-miżuri relatati ta' tbeġħid soċjali u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar komplew jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-Programm Pericles fl-2021. Minħabba f'hekk, diversi azzjonijiet li kellhom iseħħu f'forma fiżika ġew ittrasformati f'azzjonijiet diġitali jew ibridi, u b'hekk inżammet l-implimentazzjoni effettiva tal-programm.

Fl-2021 ġew implimentati 10 azzjonijiet iffinanzjati minn Pericles, inklużi:


- l-implimentazzjoni kompluta ta' 4 azzjonijiet ta' għotja mill-Istati Membri: dawn l-azzjonijiet ġew implimentati f'format fiżiku, diġitali jew ibridu mill-Kroazja, Spanja, il-Bulgarija u l-Italja rispettivament;
- l-implimentazzjoni parzjali ta' 2 azzjonijiet ta' għotja mill-Istati Membri: dawn l-azzjonijiet ġew implimentati parzjalment f'format ibridu (saret sessjoni diġitali, filwaqt li għad trid issir konferenza fiżika) mill-Portugall u n-Netherlands rispettivament;
- l-implimentazzjoni sħiħa ta' 4 azzjonijiet akkwistati tal-Kummissjoni.

L-azzjonijiet ta' hawn fuq jikkonsistu f'5 konferenzi, 2 taħriġiet tekniċi, skambju ta' persunal, l-evalwazzjoni finali tal-programm "Pericles 2020" u t-tariffa tal-manutenzjoni tal-għodda tal-eGrants (ara wkoll it-taqsimha 2 ta' hawn fuq). Għadd stmat ta' 482 espert ipparteċipaw fl-azzjonijiet imsemmija hawn fuq.

### **Iċ-Ċart III u ċ-Ċart IV: L-Oriġini tal-parteeċipanti u l-Isfond professjonali tal-parteeċipanti (azzjonijiet implimentati fl-2021, ara l-Anness II)<sup>6</sup>**

---

<sup>6</sup> Id-data kollha tikkonċerna kemm l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm "Pericles IV" kif ukoll l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-programm Pericles 2020.



F'termini ta' orijini, il-parteċipanti jiġu minn 54 pajjiż. Il-biċċa l-kbira tat-trainees (75 %) huma parteċipanti Ewropej: 40 % jiġu mill-Istati Membri taż-żona tal-euro, filwaqt li daww li jiġu minn Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro żdiedu għal 19 % u daww li jiġu minn pajjiżi mhux tal-UE fl-Ewropa jirrappreżentaw 16 %; 14 % tat-trainees huma mill-Amerka Latina. Finalment, 7 % tal-parteċipanti jirrappreżentaw l-Istituzzjonijiet Ewropej, 2 % jiġu mill-Afrika u mil-Lvant Nofsani u 2 % minn reġjuni oħra.

Rigward l-isfond professjonali tal-parteċipanti, il-membri mill-forzi tal-pulizija jirrappreżentaw 32 % tat-total. Dik il-preżenza prominenti hija dovuta għall-fatt li l-awtoritajiet tal-pulizija jinsabu fuq quddiem nett fil-għieda kontra l-iffalsifikar tal-euro, u li l-persunal tal-pulizija jinkludi kemm investigaturi kif ukoll persunal tekniku. Madankollu, għall-ewwel darba waqt l-implimentazzjoni tal-programm Pericles, l-awtoritajiet tal-pulizija ma jirrappreżentawx l-ikbar grupp ta' parteċipanti. Minflok, kategoriji oħra ta' parteċipanti jammontaw għal 68 % tat-total, u esperti mill-banek ċentrali nazzjonali jirrappreżentaw 36 %, u b'hekk jiffurmaw l-ikbar grupp ta' parteċipanti. Dan huwa dovut għall-fatt li diversi azzjonijiet kbar implimentati fl-2021 iffukaw fuq il-parteċipazzjoni tal-banek ċentrali.

Hemm ukoll parteċipazzjoni sinifikanti ta' membri tal-ġudikatura (11 %), flimkien mal-parteċipazzjoni tas-settur finanzjarju (4 %), il-ministeri tal-finanzi/tal-intern (3 %), id-dwana (2 %), il-banek kummerċjali (3 %) u z-zekki (2 %), li tirrifletti firxa sħiħa ta' sfondi professjonali tal-parteċipanti. Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni tal-azzjoni tal-Kummissjoni "It-Tielet Laqgħa tal-Pjattaforma 1210" tirriżulta f'parteċipazzjoni għolja ta' rappreżentanti mill-industrija tal-makkinarju tal-ipproċessar tal-muniti (CPM - coin processing machine) (4 %) għall-ħames sena, u b'hekk tkompli tafferma lis-settur privat bħala parti kkonċernata sinifikanti fil-għieda kontra l-iffalsifikar.

B'hekk, l-implimentazzjoni tal-Programm tissodisfa d-dimensjonijiet transnazzjonali u multidixxiplinari tal-Programm meħtieġa skont ir-Regolament (UE) Nru 331/2014 b'livell għoli ta' diversifikazzjoni.

### *Punti ewlenin tal-implimentazzjoni fl-2021*

Il-Programm irnexxielu jżomm u jsaħħaħ aktar il-kooperazzjoni internazzjonali reġjonali b'saħħitha fix-Xlokk tal-Ewropa u fl-Amerka Latina fl-2021:

- fl-2021 rajna l-implimentazzjoni ta' diversi azzjonijiet ta' Pericles li ffukaw fuq li jħeġġu u jżommu kooperazzjoni b'saħħitha fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fix-Xlokk tal-Ewropa. Dan kien jinkludi skambju ta' persunal organizzat mill-Comando Carabinieri Antifalsificazione Monetaria (CCAFM) Taljan u konferenza organizzata mill-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Bulgaru, b'dan tal-aħħar jistabilixxi u jżomm kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi fir-reġjun tal-Balkani tal-Lvant u tal-Baħar l-Iswed, inklużi t-Turkija, il-Moldova u l-Ukrajna. Barra minn hekk, ir-Raba' Konferenza tan-Network tal-Balkani, organizzata mill-Bank Nazzjonali Kroat laqqgħet parteċipanti minn banek nazzjonali u kummerċjali fir-reġjun, u appoġġat it-tħaddim u l-iskambju ta' informazzjoni ta' sistema ta' twissija bikrija fost il-pajjiżi involuti. Finalment, il-Kummissjoni implimentat taħriġ tekniku diġitali "Pristina-Tirana" dwar l-analiżi u l-klassifikazzjoni tal-muniti.
- Il-Brigada de Investigación del Banco de España (BIBE) Spanjola organizzat il-"Kors ta' taħriġ dwar l-iffalsifikar tal-flus għal esperti minn pajjiżi tal-Amerka Latina", li laqqa' flimkien l-awtoritajiet ta' 13-il pajjiż tal-Amerka Latina f'Montevideo, l-Urugwaj fl-2021, filwaqt li ppromwova miżuri għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar f'pajjiżi tal-Amerka Latina li huma potenzjalment suxxettibbli għalih. Din l-azzjoni appoġġat l-istabbiliment u t-tħaddim tal-Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali (NCO - National Central Offices) kontra l-iffalsifikar tal-muniti fil-pajjiżi li ħadu sehem. Abbażi ta' taħriġ bl-istess format li kien sar qabel, l-Arġentina stabbiliet NCO bħal dawn.

#### **4. Monitoraġġ tal-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi**

L-Art. 12(2) tar-Regolament (UE) 2021/840 jiddikjara li dan ir-rapport għandu jkwi jkis l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi tal-programm "Pericles IV". Id-*data* annwali dwar dawn l-indikaturi hija din li ġejja:

1. **Għadd ta' euro ffalsifikati individwati (karti tal-flus: 347 000 fl-2021 / muniti: 195 082 fl-2021):** Il-mira għal dan l-indikatur hija li l-għadd ta' euro ffalsifikati individwati (karti tal-flus u muniti) jinżamm taħt kontroll fil-medda ta' +/- 5 % meta mqabbel mal-medja tal-2014-2020 (671 000/174 112). Filwaqt li l-għadd ta' muniti huwa qrib il-limitu ta' referenza (+/- 5 % jirrappreżenta l-mira), l-għadd ta' karti tal-flus iffalsifikati huwa inqas milli mistenni. Dan tal-aħħar jista' jiġi spjegat fid-dawl ta' fatturi esterni bħall-impatt possibbli tar-restrizzjonijiet fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' karti tal-flus iffalsifikati minħabba l-pandemija.
2. **Għadd ta' workshops illegali żarmati (11 fl-2021):** Il-mira għall-għadd ta' workshops illegali żarmati hija li l-għadd jinżamm taħt kontroll f' medja ta' +/- 10 % meta mqabbel mal-2019 (22). L-għadd ta' workshops illegali żarmati fl-2021 huwa inqas milli mistenni. Dan jista' jiġi spjegat fid-dawl ta' fatturi esterni bħall-impatt possibbli tar-restrizzjonijiet fuq l-operazzjonijiet minħabba l-pandemija.

3. **Għadd ta' awtoritajiet kompetenti uniċi li applikaw għall-Programm (5 fl-2021):** Dan l-indikatur għandu l-għan li jkejjel l-interess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-programm. Il-mira għall-2024 hija 12 u l-mira għall-2027 hija 24. Il-fatt li l-għadd ta' applikanti uniċi laħaq fl-ewwel sena kważi 50 % tal-mira għall-2024 huwa konformi mal-aspettattivi u jirrifletti l-fatt li din hija l-ewwel sena ta' programm ġdid.
4. **Rata ta' sodisfazzjon tal-parteciċipanti fl-azzjonijiet iffinanzjati mill-programm (98,4 % fl-2021):** Dan l-indikatur ikejjel il-kwalità tat-taħriġiet kif perċepita mill-parteciċipanti. Il-mira hija 75 %. Il-perċentwal ta' feedback pożittiv huwa oġġla mill-mira.
5. **Feedback tal-parteciċipanti li diġà ħadu sehem f'azzjonijiet preċedenti ta' Pericles dwar l-impatt tal-Programm fuq l-attivitajiet tagħhom fil-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (95,83 % fl-2021):** Dan l-indikatur ikejjel is-sostenibbiltà tal-azzjonijiet tal-programm. Il-mira hija 75 %. Il-perċentwal ta' feedback pożittiv huwa oġġla mill-mira.

## 5. Konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

Il-programm “Pericles IV”, bħall-predeċessor tiegħu, jibqa' għodda importanti u effiċjenti fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar. Il-Programm jifforma l-bażi għall-appoġġ ta' studji, iż-żamma u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni, u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-atturi kollha involuti fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar tal-euro. Dan huwa appoġġat ukoll mill-fatt li fl-2021 ġie impenjat 100 % tal-baġit kumplessiv, u dan jirrifletti l-interess tal-Istati Membri fil-programm.

Il-Kummissjoni b'mod kostanti tqassam ir-riżultati tal-azzjonijiet appoġġati skont il-Programm lill-esperti tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Iffalsifikar tal-Euro (ECEG). Fl-2021, kien hemm 3 laqgħat tal-ECEG. Il-Programm juri livell għoli ta' konsistenza u komplementarjetà ma' programmi u azzjonijiet rilevanti oħra fil-livell tal-Unjoni minħabba li huwa ddedikat u ffukat b'mod esklużiv fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra forma speċifika ta' kriminalità organizzata, b'mod partikolari l-iffalsifikar tal-euro. Din il-komplementarjetà hija ċara fir-rigward tal-istrument tal-*Assistenza Teknika u Skambju tal-Infommazzjoni (TAIEX)* tad-DĠ NEAR, li jintuża l-iktar biex jiġu appoġġati n-negozjati tal-adeżjoni, u l-Fond tas-Sigurtà Interna - il-Pulizija<sup>7</sup> tad-DĠ HOME, li jkopri l-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha inġenerali. Wara l-inklużjoni tal-falsifikazzjoni tal-flus bħala waħda mill-prijoritajiet fil-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali tal-EMPACT<sup>8</sup>, il-Kummissjoni qiegħda tikkoordina mill-qrib mal-entità fit-tmun tal-EMPACT sabiex tiġi mmassimizzata l-komplementarjetà bejn iż-żewġ sorsi ta' finanzjament.

Il-Kummissjoni qiegħda tiffinalizza r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni finali tal-programm tal-2020 skont l-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 331/2014.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 513/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jstabilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tar-riskji u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/125/JHA (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 93).

<sup>8</sup> L-EMPACT (il-Pjattaforma Multidixiplinari Ewropea kontra t-Theddid Kriminali) hija inizzjattiva tas-sigurtà mmexxija mill-Istati Membri tal-UE biex tidentifika, tipprijoritizza u tindirizza t-theddidiet mill-kriminalità organizzata u serja fuq livell internazzjonali. Fl-2021, l-EMPACT saret strument permanenti, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità organizzata u serja fuq livell internazzjonali. Il-Bulgarija hija l-Istat Membru fit-tmun għall-prijorità tal-EMPACT li tkopri l-“Kriminalità tal-Proprietà Intellettwali, l-Iffalsifikar tal-Merkanzija u tal-Muniti”.

Abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tal-Programm u tal-analiżi kontinwa tat-theddidiet emerġenti li ġew diskussi fl-ECEG, il-prijoritajiet għall-2021 huma dawn li ġejjin<sup>9</sup>:

- L-attivitajiet ta' appoġġ bl-għan li jtejbu l-kooperazzjoni fost dawk l-Istati Membri li huma milquta b'mod partikolari mill-produzzjoni u mid-distribuzzjoni ta' flus iffalsifikati;
- It-trawwim ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi terzi fejn hemm suspett jew evidenza tal-produzzjoni ta' euro ffalsifikati;
- Iż-żamma ta' qafas effiċjenti għall-protezzjoni tal-euro fix-Xlokk tal-Ewropa;
- Żviluppi topiċi:
  - id-distribuzzjoni ta' flus iffalsifikati u komponenti ta' kwalità għolja fuq id-darknet, u “karti tal-flus użati fil-films” jew “prodotti repliki użati għax-xeni online” (inklużi karti tal-flus b'disinn mibdul);
  - Muniti tal-euro: L-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1210/2010 dwar l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u t-trattament ta' muniti tal-euro li mhumiex tajba għaċ-ċirkolazzjoni, u l-elementi ta' sigurtà tal-muniti tal-euro;
  - l-appoġġ għall-istabbiliment / għar-rinfurzar ta' uffiċċji ċentrali nazzjonali (NCOs).

---

<sup>9</sup> Il-prijoritajiet tal-Programm għall-2021 huma parti essenzjali mill-Programm ta' Ħidma Annwali, li huwa anness mad-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI tat-28.1.2022 dwar il-finanzjament tal-programm “Pericles IV” u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma annwali għall-2022, C(2022) 406 final.